Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

9322/1/19
REV 1

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0113(COD)**

CODEC 1085
DRS 41
IA 153

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 fir-rigward tal-użu ta' għodod u proċessi diġitali fid-dritt soċjetarju **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv |

1. Fil-25 ta' April 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta[1], ibbażata fuq l-Artikolu 50(1) u l-punti (b), (c), (f) u (g) tal-Artikolu 50(2) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Ottubru 2018[2].

3. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fis-26 ta' Lulju 2018[3].

4. Fit-18 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew[4] jirrifletti l-ftehim ta' kompromess milħuq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

[1] 8560/18.
[2] ĠU C 62, 15.2.2019, p. 24.
[3] ĠU C 324, 13.9.2018, p. 13.
[4] 8452/19.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentant Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-ftehim tiegħu
u jissuġġerixxi li l-Kunsill:

– japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 25/19, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss;

– jiddeċiedi li d-dikjarazzjoni fl-addendum għal din in-nota tiddaħħal fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.